**23 ta' Lulju, 1958**

**Imħallfin:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Mosè Tabone

*versus*

Avv. Dr. Joseph Ferdinand Cassar Galea

**Avukat — Żball Professjonali — Danni — Art. 1074 u 1075 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li kull wieħed hu responsabbli għad-danni li jiġru bi ħtija tiegħu, u dik li tgħid illi jitqies li hu fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, huma applikabbli anki għal dawk li jeżerċitaw il-professjonijiet liberali, bħal ma hu l-avukat. Imma l-persuna responsabbli għad-danni, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, ma t'rrispondix għall-ħtija superjuri għal dik tal-"bonus pater familias", ossija għall-"culpa laevissima".*

*It-teorija tal-iskużabbilità tal-iżbalji professjonali ma ħolqotx speċi oħra ta' ħtija oltre dawk rikonoxxuti mill-liġi komuni, imma stabbiliet kriterju prattiku dwar id-diffikultà li tinkorri fil-materja għat-tfittxija tal-ħtija fl-iżbalji li jagħmlu fihom dawk li jeżerċitaw il-professjonijiet. Fejn l-iżball ta' kommissjoni jew ommissjoni huwa dovut għall-imperfezzjoni tax-xjenza jew arti, skond il-każ, l-aġenti ma jkunx*

*responsabbli; imma fejn il-persuna persegwitata għad-danni tonqos u tittraskura formalitajiet indispensabbli u perentorji, kif ukoll turi negliġenza fl-eżerċizzju tal-attivitajiet professjonali tagħha, jew turi injoranza grassa fl-istess arti tagħha, ma hemm ebda raġuni legali l-għaliex hija ma għandhiex tkun tenuta li tirrispondi, skond il-liġi komuni, għad-danni versu d-danneġġjat.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, peress li l-attur fuq parir tal-konvenut, li żgurah li kien ser ikollu l-ewwel ipoteka favur tiegħu, silef lil Dolores armla minn Michel'Angelo Portelli, patroċinata tal-konvenut, is-somma ta' £35 b'kuntratt ta' self in atti Nutar Dottor Joseph Spiteri tal-14 ta' Frar 1954 (dok. A); u peress li l-konvenut, biex aktar iħajjar lill-attur jagħmel l-imsemmi self, oltre li, kif ingħad, żguraħ li kien ser ikollu l-ewwel ipoteka favur tiegħu kontra d-debitriċi Portelli, issuġġerixxa li f'lok is-somma ta' £35, effettivament versata, titniżżel fuq l-att tas-self is-somma ta' £50, kif sar; u peress li in segwitu rriżulta li l-ipoteka li ħarġet favur l-attur in segwitu għall-att fuq imsemmi tan-Nutar Spiteri ma kienetx l-ewwel waħda kontra d-debitriċi (dok. B u C), b'mod li l-attur ġie eluż mid-dritt tiegħu li jirrepeti minn għand id-debitriċi l-kreditu tiegħu, peress li l-uniku fond li kellha d-debitriċi ġie mixtri "animo compensandi" minn min kellu l-ewwel ipoteka fis-subasta li saret fl-ewwel ta' Marzu 1956 taħt l-awtorità ta' din il-Qorti, fl-ismijiet "Maria armla Debono versus Dolores Portelli et.", u d-debitriċi ma kelliex beni oħra li bihom setgħet tissoddisfa l-kreditu tal-attur; u peress li l-attur ġie għalhekk sofra dannu reali minħabba l-parir ħażin tal-konvenut dwar il-pozjorità tal-ipoteka li kellha tinħareġ favur tiegħu wara l-att fuq imsemmi tal-14 ta' Frar 1954; talab li l-konvenut (1) jiġi dikjarat responsabbli tad-danni versu l-attur minħabba l-aġir tiegħu kif fuq; (2) u konsegwentement u prevja, okkorrendo, surroga fid-drittijiet ipotekarji tal-attur, ikun kundannat iħallas lill-attur, in linea ta' danni, dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti, konsistenti fl-ammont mutwat, l-ispejjeż tal-kuntratt u spejjeż oħra, u l-imgħax legali mid-data tas-self. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha qal li d-domandi tal-attur huma infondati, għaliex huwa, la ta parir lill-attur, u lanqas ġie nkarigat minnu biex jagħtieh parir fuq is-self tal-flus in kwistjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża jidher li l-attur qiegħed jippretendi li l-avukat konvenut huwa responsabbli lejh ta' danni minħabba li tah parir ħażin in okkażjoni ta' mutwu; u konsegwentement talab ukoll il-kundanna tal-konvenut għall-pagament ta' somma li għandha tiġi likwidata minn din il-Qorti, konsistenti fl-ammont mutwat, l-ispejjeż tal-kuntratt u spejjeż oħra, u l-imgħax legali mid-data tas-self;

Ikkunsidrat;

Illi, biex il-fatt ikun aktar partikolarizzat, jingħad li l-attur jippretendi d-danni minn għand il-konvenut l-għaliex dan l-aħħar imsemmi, skond l-attur u martu, assikurahom li l-mutwatarja ma kellhiex dejn ipotekarju, b'mod li huma, fuq dik l-assigurazzjoni, akkonsentew li jagħmlu l-mutwu, li fil-fatt għamlu fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri tal-14 ta' Frar 1954, mentri li fil-fatt mbgħad irriżulta li l-istess mutwatarja kellha dejn li kien jiġi qabel dak li twieled mill-mutwu li huma għamlu, b'mod li għas-self tagħhom baqgħu skoperti u ma setgħux jitħallsu;

Ikkunsidrat;

Illi, in tema legali, jingħad li għalkemm l-azzjoni tad-danni dovuti għal żball professjonali tista' tkun imnissla minn "culpa" kontrattwali, ossija "ex contractu", jew minn "culpa" extra-kontrattwali, l-azzjoni odjerna hija bażata fuq il-kolpa akwiljana, li hija mdaħħla, skond il-liġi ċivili tagħna, taħt l-art. 1074 u 1075, kif jidher minn nota tal-osservazzjonijiet tal-attur. Minn dawn l-artikoli

jidher li l-liġi komuni, applikabbli għal kulħadd indistintament, "in subjecta materia", hija li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu", u li "jitqies fi ħtija kull minn fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja", u li jikkomprendu l-attijiet ta' kommissjoni jew ommissjoni. Jingħad ukoll li skond il-liġi tagħna, a differenza ta' dak li kien maħsub u jingħad fid-Dritt Ruman, in ġenerali, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, ħadd ma jwieġeb għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza, jew ta' ħsieb fi grad akbar. Fi kliem ieħor, il-persuna responsabbli għad-danni, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa fil-liġi, ma tirrispondix u ma tkunx tenuta għall-ħtija superjuri fil-grad għal dik tal-"bonus pater familias", ċjoè mhix responsabbli għall-"culpa lievissima" — dak li ġie anki assodat fil-ġurisprudenza lokali (P.A. Ċivili 20 ta' Marzu 1882 in re "Francesco Cassar vs. Lorenzo Agius", Vol. IX, p. 672, li ġiet revokata fl-appell (l-istess Volum, p. 801) mhux fuq il-punt ta' dritt, imma fuq punt ta' fatt; P.A. Ċivili 27 ta' Lulju 1888 in re "Charles Landour vs. Onorevoli Francesco Vella et.", Vol. XII, p. 8; u bħala eċċezzjoni dovuta għal dispożizzjoni espressa, fejn bniedem jirrispondi għall-"culpa lievissima" fid-dritt viġenti, ara art. 2002(2) Kodiċi Ċivili);

Illi dawn il-prinċipji japplikaw ruħhom anki għal dawk il-membri tal-kommunità li jeżerċitaw il-professjonijiet liberali (ara Dalloz, 20 ta' Lulju 1862, Giurisprudenza Volume I, 419, anno 1862). Huwa diffiċli u skabruż "in subjecta materia" li tippreċiża l-kawżi tar-responsabbiltà; l-għaliex, mentri huwa nġust u mhux raġjonevoli li tirritjeni li dawk il-persuni huma dejjem assolutament responsabbli, mill-banda l-oħra huwa altrettant assurd u kontra l-liġi li jiġi sostnut li huma qatt ma huma responsabbli, tkun kemm tkun gravi u kbira l-imperizja u imprudenza minnhom addimostrata fil-każ konkret. In tema ġenerali jingħad li l-prinċipju li huwa t-test fondamentali, u li jifforma s-substrat tal-eżami sabiex ġudikant jasal għad-deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-professjonisti jew le f'att tagħhom huwa li jiġi eżaminat jekk kienx hemm jew ma kienx hemm ħtija fl-att li jkun jifforma l-bażi tal-azzjoni; fi kliem ieħor l-"actio de facto de quo disputatur",

sew l-għaliex b'viġilanza personali u fuq l-attijiet intrappriżi mill-ordinarju "pater familias" seta' u kien possibbli li jiġi evitat id-dannu, sew l-għaliex il-fatt li kontra l-istess professjonista jiġi miġjub il-quddiem ikun tali li jirrivela injoranza li mhix perdonabbli u immaġinabbli f'persuna ta' dik id-data professjoni;

Illi t-teorija tal-iskużabbilità tal-iżbalji professjonali ma ħolqotx speċi oħra ta' ħtija oltre dawk rikonoxxuti mill-liġi komuni, imma stabbiliet kriterju prattiku dwar id-diffikultà li tinkorri "in subjecta materia" għat-tfittxija tal-ħtija fl-iżbalji li jaqgħu fihom, bħal bnedmin umani kolha, dawk li jeżerċitaw il-professjonijiet. Fejn l-iżball ta' kommissjoni jew ommissjoni huwa dovut għall-imperfezzjoni tax-xjenza jew arti, skond il-każ, l-aġenti mhux ritenut responsabbli; imma fejn il-persuna persegwitata għaddanni tonqos, tittraskura formalitajiet indispensabbli u perentorji, kif ukoll turi negliġenza fl-eżerċizzju tal-attività professjonali tagħha, jew turi injoranza grassa fl-istess arti tagħha, ma hemmx ebda raġuni legali l-għaliex hija ma għandhiex tkun tenuta li tirrispondi, skond il-liġi komuni, għad-danni versu d-danneġġjat;

Illi dan li ntqal jippresupponi fatt tal-bniedem li jarreka dannu lil ħadd ieħor, ċjoè rapport ta' kawżalità bejn il-fatt kolpuż u l-effett dannuż, sew naxxenti minn ħtija kontrattwali sew minn ħtija extra-kontrattwali; l-għaliex, jekk il-fatt dannuż jitnissel minn sempliċi kunsill (mhux konsult legali), allura, skond id-Dritt Ruman, in applikazzjoni anki l-lum, "Consilii non fraudolentis nulla obligatio est; ceterum, si dolus et calliditas intercessit, de dolo actio competit" (L. 47. Dig. de regulis juris (50, 17); u "Nullus ex consilio, dummodo fraudolentum non fuerit, obligatus" (Każ 62 De regulis juris, in 6to.), sostnut dan il-prinċipju minn Donnellus, "Comm. Jur. Civ. Liber XII. cap. 10, parag. 12 u 13; u minn A. Schacher, Dissertationes (Lipsia, 1662), fejn jgħid ukoll "Consilii non fraudolentis nulla obligatio";

Ikkunsidrat;

Illi, esposti l-prinċipji legali fuq espressi, jingħad li l-

kwistjoni kollha bejn il-kontendenti tirraġġira ruħha dwar kwistjoni ta' fatt, li dwaru l-attur u martu, kif ukoll ix-xhieda tagħhom, taw versjoni, mentri l-konvenut ta verżjoni oħra; b'mod li fejn il-kontendenti ma qablux id-deċiżjoni ta' din il-Qorti tiddependi mill-kredibbilità li għandha tiġi mogħtija lill-parti anzikkè lill-oħra;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għall-kawża huma dawn li sejrin jiġu relatati. Ċerta Dolores armla minn Michel'Angelo Portelli . . . . . .;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbiliti bir-reqqa kollha d-dikjarazzjonijiet tal-partijiet u x-xhieda tagħhom, din il-Qorti sejra tgħaddi għall-valjazzjoni tagħhom bl-ajjut tar-regoli probatorji;

Illi qabel xejn jingħad li mid-depożizzjoni tal-istess attur jidher ċar li huwa qatt ma ta personalment ebda nkarigu jew mandat espress jew taċitu lill-konvenut dwar dan is-self in kwistjoni, b'mod li l-istess konvenut ma jistax jingħad li hu personalment responsabbli skond ma hemm maħsub fl-art. 1976 tal-Kodiċi Ċivili. Jibqa' għal din il-Qorti tgħid jekk l-istess instanti tax jew le dak il-mandat per mezz ta' martu. Jekk għandna nemmnu lill-attur, lanqas jidher li huwa ta dak l-istess mandat per mezz ta' martu, u għaliex . . . . . .;

Illi, stabbilit il-fatt li l-konvenut ma kellu ebda nkariġu jew mandat dwar dan is-self, huwa dmir din il-Qorti tara jekk il-konvenut qalx jew għamelx xi asserzjonijiet imprudenti dwar is-solvibilità tal-mutwatarja, u mhux negat li kien il-konsulenti tagħha . . . . . Fi kliem ieħor, trid tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk il-konvenut qalx xi kliem, u liema diskors interċeda bejnu u bejn il-mara tal-attur u l-istess attur, li seta' jimporta li kien hemm rapport ġuridiku, u li bih il-konvenut iddanneġġja lill-instanti;

Illi, mentri l-attur jgħid li qabel ma ġie publikat il-

kuntratt tas-self il-konvenut qal lill-martu li d-debitriċi ma ke'liex dejn fuq il-post li kellha . . . . . ;

Illi huwa risaput, u fil-ħajja ordinarja ta' kulljum ta' spiss jiġri, li l-kliem li jkunu ntqalu f'inkontru ta' kotra ta' nies li jkunu preżenti għalihom, jiġu varjati, sew billi titħalla barra minnhom xi espressjoni użata, sew għaliex jiġu miżjuda xi espressjonijiet billi jiġu aġġunti kliem li b'induzzjoni jissuġġerixxu, sew l-għaliex ma jiġix riferit fil-kontest tiegħu, sew għal ħafna imperfezzjonijiet umani oħra inkonxjament jew subkonxjament minn kliem oħra li jkunu ntqalu, b'mod li huwa tajjeb li bniedem jikkonsulta u jeżamina lill-persuna li tkun qalitu jew li lilha jiġi attribwit, l-għaliex hija tkun sa ċertu pont f'pożizzjoni aħjar li tagħti dawl fuq dak li ntqal. Għal dan il-fini, konsultata d-depożizzjoni tal-konvenut, jidher li qabel il-kuntratt . . . . . . . ;

*Omissis*;

Illi fil-ħsieb tal-Qorti l-versjoni tal-konvenut hija aktar verosimili minn dik l-oħra kontrapposta; għar-raġunijiet segwenti;

1. Illi, mentri l-konvenut qal bil-ġurament li l-mara tal-attur kienet informatu li Dolores Portelli ma kellhiex dejn, kif del resto kellu l-impressjoni l-istess xhud Joseph Portelli, l-istess mara tal-attur qatt ma nnegat din l-affermazzjoni tal-konvenut;

2. Illi mhux preżumibbli umanament li l-konvenut, li huwa persuna tal-professjoni u persuna ta' karattru integru, kif ukoll li ma kienx ġie nkarigat jagħmel ebda riċerki mill-attur u martu, kien sejjer jassumi li jgħid lill-mara tal-attur li huma kienu żgur sejrin jieħdu flushom lura; u kien aktar konsonu mal-kwalità tal-persuna u mal-konoxxenzi li kellu mill-mara tal-attur li jgħidilha li, jekk ma kienx hemm dejn, huma kienu jieħdu flushom, u kienu (bl-att tas-self) qieshom qegħdin iqiegħedu flushom in depożitu f'bank bl-imgħax;

**3.** Illi l-kliem "qieshom f'bank", viżwalizzati fid-dawl tal-fattijiet kif fuq aċċettati mill-Qorti, ma jikkostitwux ebda fatt illeċitu;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi; bl-ispejjeż.